# Epigrammi fuq l-Irġiel (i)

## 281. IL-MINISTRU PSAJLA

Kemm dam ministru qatt u qatt ma nxtara;
kulħadd jibqa' jiftaħar bis-sur Psajla;
u jekk xi darba ħa xi ħaġa żgħira,
din qatt ma kienet flus, 'mma biss xi tfajla.

## 282. SAJDA KBIRA

Meta d-demonju jixtieq jagħmel sajda
u jaqbad ħafna erwieħ, kif jagħmel spiss,
ta' mara ma jilbisx b'sidirha barra,
'mma jilbes ta' qassis bil-kurċifiss.

## 283. IS-SELLUM

Is-sur Ġuże' superstizzjuż iżżejjed,
jekk toqtlu ma jgħaddix minn taħt sellum;
'mma meta s-serva titla' tfarfar linfa,
jgħaddilek sitt darbiet, jieqaf u jdum.

## 284. IL-PITTUR

Għax ħajtu jpitter qaddisin u anġli,
kwadri mixgħula bl-estasi u bin-nar;
mur obsor li l-pittur b'xejn ma kien jemmen,
u li kien jidgħi dejjem lejl u nhar!

## 285. L-INJURANZA TAT-TABIB

Meta t-tabib ma jkunx jaf x'inhi l-marda
jivvinta x'isem ġdid fid-dizzjunarju,
li bih isejjaħ l-injuranza tiegħu,
u b'hekk l-unur isalva u l-onorarju.

## 286. IL-PITTUR

Meta pinġa l-Madonna kulħadd stqarrha
kemm hi devota u l-qima ma jagħtiha,
minnbarra martu li flimkien ma' wliedha
la tgħidx kemm tahom swat sakemm pinġieha.

## 287. SKONT IL-KUXJENZA

Kien dejjem jaqta' l-ħaqq skont il-kuxjenza,
u, jekk xi darba tal-ħaqq għamel ċaħda,
ma kienx tort tiegħu, iżda tal-kuxjenza
li dejjem kienet taqta' naħa waħda.

## 288. TABIB FAMUŻ

Hawn hu t-tabib famuż, kemm u kemm studja
sa ma laħaq u sar in-nies jafuh!
u sabiex tgħallem ma tantx għamel ħsara,
qatel ftit nies, madwar xi mitejn ruħ!

## 289. IL-KAPPILLAN

Il-kappillan tar-raħal ruħ mit-twajba,
tal-Knisja jgħasses tajjeb il-karus;
in-nies tar-raħal qalgħuhielu sewwa:
Anġlu Kustodju tal-erwieħ u l-flus.

## 290. SENTENZA IEBSA

Oh, xi kwistjoni din, kif ser naqtagħha?
staqsa l-imħallef mimli konfużjoni;
u f'dak id-dlam li kien it-triq urielu
id-dawl tal-interess u l-ambizzjoni.

## 291. META MIET IS-SUR FRED

Meta miet is-sur Fred, ħanin u għani,
kulħadd fir-raħal kollu għela għalih;
il-foqra bkew lil dak illi kien jgħinhom,
għala t-tabib li tilef ħafna qliegħ.

## 292. DUN ANĠ U DUN FRANĠISK

Dun Anġ u Dun Franġisk lin-nies iqarru
ġo żewġ kunfessjunarji sbieħ tal-kewba;
u, waqt li jberrqu lejn xulxin biċ-ċiera
jaħfru d-dnubiet tan-nies u jagħtu t-tewba.

## 293. FIL-QORTI

Togi, għenuq iebsin, u marixxalli,
volumi, armi tar-re, jgħammxu l-għajnejn;
il-wirja tal-ġustizzja kbira ħafna,
iżda l-ġustizzja vera ftit jew xejn.

## 294. ĊIKKU N-NEMMIESI

Dari Ċikku n-nemmies mit-toqba l-kbira
ta' kull muftieħ inemmes kemm irid;
iżda ċ-ċavetta ngliża saddet kollox,
il-misħut ta' progress qered kull ġid!

## 295. IL-KURUNELL

Il-kurunell sgrada lis-Sergaent Major
talli seraq sixpence, dan qal kas serju;
'mma xejn ma ra bi kbir li dik il-lejla
bejnu u mart is-surġent sar adulterju!

## 296. ABDILLA

"Is-sena l-oħra tajna mitt sentenza
fil-Qorti tagħna, kollha sew, bil-fier."
"X'tagħmel, Abdilla, l-Qorti?" jien staqsejtu;
"Jien tal-imħallef," qal, "il-messaġġier."

## 297. SALVU

Salvu kellu sebgħin u reġa' żżewweġ,
u mindu żżewweġ tagħtu bħal tkabira;
'mma b'dana kollu ta' kull sena jixtri;
tassew tassew il-ħniena t'Alla kbira!

## 298. META GHOLLEWH

Għalkemm kien president ta' banda kbira,
qatt ma għollewh, kif xtaq, ftit fuq l-idejn,
ħlief darba biss, meta fiċ-ċimiterju
refgħuh erba' min-nies fuq l-ispallejn.

## 299. IL-KAPPILLAN TAR-RAĦAL

Il-kappillan tar-raħal kemm hu dħuli!
kien jaf imur man-nies, raġel ta' ġieħ!
u fost in-nies li jħobb kien iħobb l-iżjed
lil dawk li jtuh kull Għid ħasi sabiħ.

## 300. IL-VITTMI

Meta mart is-surmast tigriflu wiċċu,
imsejkna t-tfal fil-klassi! x'daqqiet jagħti!
u meta mart l-imħallef taħtfu ħatfa,
l-imħallef jiġi jaħtaf 'l-avukati.